# L-istatwi tal-Madonna tal-Karmnu ta' l-1871 u ta' l-Anġlu Kustodju u l-Iskulturi Tagħhom

Dr. John Debono

Fl-ewwel nofs tas-seklu ħmistax il-patrijiet Karmelitani kienu diġà jgħammru f'Malta fil-knisja tal-Lunzjata l-Qadima barra r-Rabat.[1] Minn hawnhekk, wara li fl-1566 l-Ordni ta' San Ġwann taw bidu għall-bini tal-belt il-ġdida fuq l-Għolja ta' Xiberras, il-patrijiet, skond l-atti tan-Nutar Placido Habela, fis-27 ta' Lulju 1570 kisbu kwartier sħiħ ta' art stmat 66 skud.[2] Fl-istess sena huma bdew jaħdmu biex jibdew il-bini tal-knisja. Skond il-Viżta Appostolika ta' Monsinjur Pietro Dusina tal-1575 nafu li l-knisja tal-Karmnu ġol-belt serviet ta' parroċċa meta din kienet qiegħda tinbena.[3] Ma' tul is-snin ta' wara xterdet sewwa d-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu tal-Karmnu u twaqqfet ukoll konfraternità bl-istess isem.[4]

## L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu ta' l-1781

Qabel ġiet skolpita din l-istatwa tas-sena 1781, il-konfraternità tal-Karmnu tal-Belt kienet diġà xtrat żewġ statwi oħra rappreżentattivi tal-Madonna, waħda fl-1657 u l-oħra fis-sena 1780.[5] L-ewwel waħda fil-preżent tinsab fl-Oratorju tal-konfraternità ġol-Belt u l-oħra toħroġ proċessjonalment mill-knisja tal-Karmnu li tinsab ġo San Ġiljan.[6]

Minħabba xi tilwim li kien inqala' bejn il-konfraternità u l-komunità tal-patrijiet dwar post xieraq fejn titpoġġa l-istatwa mixtrija fl-1780 ġie deċiż, biex jiġi evitat kull inkwiet ieħor, li l-patrijiet stess jordnaw statwa.[7] Fuq din l-istatwa Patri Lawrenz Sammut kiteb hekk, "Ħafna huma tal-fehma li hija opra ta' skultur taljan u aktarx li ġiet minn Napli; iżda fl-ebda dokument ma sibna l-awtur min kien." Issa wieħed jista' jgħid għall-ewwel darba min kien tassew l-iskultur tagħha.



Nhar il-31 ta' Lulju 1781 l-iskultur Vincenzo Dimech, iben il-mejjet Sigismondo, obbliga ruħu mal-patrijiet Karmelitani li jiskolpixxi fl-injam statwa li tirrappreżenta lill-Madonna tal-Karmnu b'Ġesù Bambin fuq drieghha, għolja 6 palmi u kwart, barra s-sħab imdawwar taħt riġlejha u fuq il-pedistall.[8] Din l-istatwa kellha tixbah fil-għamla lil dik eżistenti tal-Madonna tar-Rużarju fl-Imdina.[9] Dimech kellu jiskolpixxi kemm is-sħab ta' taħt riġlejn l-istatwa kif ukoll il-gwarniċjuni tal-pedistall f'għoli ta' 2 palmi u żewġ terzi ta' palm u tul ta' 4 palmi. L-iskultura fil-pedistall kellha tkun skond disinn iffirmat u approvat mill-Pirjol Fra Benedetto Grech, min-nutar li ffirma l-kuntratt u minn Aurelio Zahra[10] bħala rappreżentant tal-iskultur Vincenzo Dimech li kellu jibqa' jżommu.

Ix-xogħol kollu skond kif titlob l-arti kemm fl-istatwa kif ukoll f'dawk il-partijiet l-oħra li kienu se jiġu skolpiti riedu jkunu maħduma u magħmula mill-istess kwalità ta' njam ipprovdut minn Dimech stess. Dan kollu ried jitlesta f'ħames xhur għall-prezz ta' 90 skud li minnhom Dimech tħallas 25 skud bil-quddiem. Il-kumplament, 65 skud, kellhom jitħallsu hekk kif Dimech jikkunsinja l-istatwa lill-patrijiet.

Il-partijiet ftehmu li kemm-il-darba l-injam meħtieġ fit-tinqix ta' l-istatwa jiġi provdut

mill-kunvent kellhom jitnaqqsu 15-il skud mis-somma ta' 90 skud. Il-kunvent kellu joħroġ ukoll l-ispejjez tal-injam, hadid u x-xogħol meħtieġ fil-bini tal-pedistall. Injam ieħor użat fl-iskultura tiegħu ried jitħallas minn Dimech stess. Fl-aħħar il-partijiet qablu li l-istatwa tal-Bambin Ġesù riedet titpoġġa b'ċerta gost u ħarsa fuq driegħ il-Madonna.

Għalkemm Patri Lawrenz Sammut jghid li din l-istatwa ħarġet proċessjonalment nhar is-16 ta' Lulju 1781 dan ma setax seħħ għax l-anqas biss kienet għadha ġiet ordnata.[11] Għandna għax naħsbu li l-istatwa tlestiet kif kien miftiehem sabiex fis-sena ta' wara, 1782, ħarġet proċessjonalment għall-ewwel darba. Il-Patri Majjistru Karmelitan Michel Angelo Chircop ħallas għal din l-istatwa mill-flus jew elemożina li kien jirċievi għall-priedki li kien jagħti.[12]

## Xi statwi oħra ta' Vincenzo Dimech

L-iskultur Vincenzo Dimech skolpixxa ta' l-inqas erba' statwi ddedikati lill-Madonna tar-Rużarju, waħda għall-parroċċa ta' Ħal Balzan,[13] oħra għall-fratellanza tar-Rużarju fil-parroċċa taż-Żejtun,[14] oħra għall-parroċċa ta' Sannat, Għawdex[15] u oħra għall-klijent privat Giovanni Causi mill-Belt Valletta. F'dawn il-kummissjonijiet insibu li l-għażla ta' l-injam ulmu għal xogħol statwarju bħal dan kienet eċċellenti. L-ulmu hu njam reżistenti għall-umdità, li tant tagħmel ħsara f'xogħlijiet ta' skultura Maltija, jinħadem skond id-daqqa ta' l-iskultur li dejjem fittex li jipproduċi xogħlijiet sodisfaċenti u maestuzi li jpaxxi l-għajn. Fid-dehra tagħhom dawn l-istatwi kellhom jixbhu lil dik eżistenti fil-knisja tad-Dumnikani ġewwa r-Rabat, xogħol bikri ta' Melchiorre Gafà.[16] Hawn l-iskultur Vincenzo Dimech irnexxielu joħloq dak mixtieq mill-klijenti fil-fattizzi u fil-qagħda tax-xbieha tal-Madonna u tal-Bambin – fix-xagħar, dirgħajn, swaba' u partijiet oħra tal-ġisem.

Nhar l-1 ta' Ottubru 1781 Vincenzo Dimech ftiehem ma' Giovanni Causi biex jiskolpixxi fl-injam tal-ulmu statwa tal-Madonna tar-Rużarju bil-Bambin Ġesù f'driegħha, għolja 6 palmi u kwart, tixbah lil ta' San Duminku ġewwa r-Rabat mingħajr żebgħa u induratura.[17] Dimech intrabat li jillestiha fi żmien erba' xhur skond kif titlob l-arti għall-prezz ta' 60 skud li minnhom rċieva 17 skud 8 tarì bil-quddiem. Il-kumplament kellhom jitħallsu hekk kif Dimech jikkunsinja l-istatwa.[18] Causi kellu d-dritt li jordnaha band' oħra bi spejjeż għal Dimech jekk jonqos mill-ftehim.

Fl-istess jum, nhar l-1 ta' Ottubru 1781, Giovanni Causi qabbad lil Eugenio Borg mill-Belt biex jaħdem pedistall u bradella mingħajr żebgħa u induratura flimkien ma' tliet lasti bil-hadid meħtieġ.[19] Id-daqs, il-kobor u l-kwalità tal-materjal riedu jkunu bħal dawk eżistenti tal-istatwa tal-Anġlu Kustodju misjuba fil-knisja tal-Karmnu ġol-Belt. Dan ix-xogħol ried jitlesta fi żmien erba' xhur għall-prezz ta' 40 skud li minnhom irċieva 8 skudi 10 tarì bil-quddiem.[20] Il-kumplament kellu jitħallas hekk kif ix-xogħol ikun komplut bil-kundizzjoni li jekk Borg ma jillestix il-pedistall bil-bradella fiż-żmien miftiehem, Causi kellu dritt jaħdimhom għand ħaddieħor bi spejjeż ta' l-istess Borg.

Wara li Vincenzo Dimech illesta l-istatwa mill-iskultura, din riedet tiġi ndurata. Nhar il-31 ta' Mejju 1782 Causi ftiehem ma' Francesco Dimech[21] biex ipittirha, jinduraha bil-folji tad-deheb Venezjan u jiżgraffaha skond l-arti.[22] Wara ried iwaqqafha fuq il-pedistall. Dan ix-xogħol ried jitlesta fi żmien ta' 35 ġurnata għall-prezz ta' 60 skud, inklużi x-xiri tal-folji tad-deheb li riedu jitħallsu hekk kif mitlub mill-induratur. Il-kumplament ried jitħallas hekk kif l-istatwa tkun lesta minn kollox.[23] Sfortunatament il-kuntratt ma jsemmix x'kienet il-vera rieda ta' Causi, jew li jżommha għalih innifsu jew jirregalaha lil xi knisja partikolari.

Dawn huma biss ftit eżempji ta' Vincenzo bħala statwarju, aktar 'il quddiem jistgħu jiġu magħrufa xi statwi oħra li ħarġu minn idejh.[24]



## Xi xogħlijiet oħra ta' Vincenzo Dimech

Kien sar investiment qawwi fil-bini ta' knejjes immexxija minn saċerdoti sekulari u reliġjużi fil-gżejjer Maltin fis-sekli sbatax u tmintax. Dan ġab miegħu xogħol għall-artiġjani Maltin speċjalment f'xogħlijiet ta' skultura u tiżjin ta' l-altari kemm fl-injam kif ukoll fil-ġebla.

Vincenzo Dimech kien jinqala' biex jaħdem kull tip ta' disinn ta' skultura. Hekk fid-19 ta' Frar 1770 hu tħallas 50 skud, li minnhom 45 skud kienu għal xogħol ta' skultura fl-injam tal-punent (*di ponente*) ordnat għall-kappella ddedikata lil Madonna Soledad meqjuma fil-knisja Matriċi f'Għawdex.[25] Il-ħames skudi l-oħra ġew mogħtija bħala rigal għat-talent għaref li wera f'dan ix-xogħol. Sentejn u nofs wara, nhar l-1 ta' Awissu 1772, Dimech irċieva 23 skud 6 tarì 10 grani, bħala ħlas għall-injam tal-ġewż użat biex inħadem fi skultura għall-iskannell ta' l-irħam u fit-tabernaklu.[26] Il-ħlas inkluda wkoll l-iskultura tas-saqajn ta' tavolina għal-kappella ddedikata lis-Santissimu Sagrament. Kien Dun Gio. Maria Cauchi, bħala prokuratur ta' l-Arċikonfraternità tas-Sagrament ta' l-istess Matriċi f'Għawdex, li ħallas dawn il-flus.

Altar jinħtieġ diversi ornamenti biex jintrama kif jixraq. Għalhekk Vincenzo Dimech ta' spiss kien jiġi mqabbad biex jiskolpixxi gandlieri u vażetti biex jżejnu l-altari. Fl-14 ta' Lulju 1774 Dimech ftiehem ma' Dun Giuseppe Fenech, il-prokuratur tal-knisja Kolleġġjata ta' Birkirkara, biex jaħdem seba' gandlieri tal-injam tal-ulmu, sitta għax-xemgħa u l-ieħor għas-salib, għall-altar maġġur skond disinn imħażżeż fuq mejda u li kien fil-pussess tiegħu.[27] Dawn il-gandlieri, 7 palmi għolja, riedu jkunu lesti fi żmien disa' xhur għall-prezz ta' 12-il skud 10 tarì kull wieħed li b'kollox kienu jammontaw 89 skud 10 tarì. Minn dawn Dimech irċieva 27 skud 4 tarì 5 grani bil-quddiem u l-kumplament max-xogħol.[28]

Din ma kenitx l-unika darba li Dimech għamel gandlieri. Nhar is-6 ta' April 1783 Vincenzo ftiehem ma' Dun Felice Borg, kappillan tal-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ, u Tomaso Cilia, prokuratur tal-konfraternità tas-Santissimu Sagrament fl-istess parroċċa, wara rikors approvat mill-isqof f'Jannar ta' l-1782,[29] biex jiskolpixxi żewġ gandlieri kbar bil-maqgħad tagħhom (*due torcieri con loro bradelle*) għal quddiem l-altar maġġur.[30] Dawn riedu jkun tal-injam tal-ulmu, b'għoli ta' 10 palmi u maħduma skond disinn approvat mill-partijiet u riedu jitlestew fi żmien għaxar xhur għal prezz ta' 80 skud. Il-ħlas kellu jinqasam hekk, 50 skud skond il-progress fix-xogħol u l-kumplament, 30 skud, meta jintemm kollu.[31] Il-partijiet qablu li jekk il-gandlieri ma jkunux lesti fi żmien miftiehem Dimech kien jirċievi biss il-50 skud.[32]

Żgur Vincenzo kien magħruf sew għal din il-kwalità ta' xogħol għax fil-15 ta' Frar 1788 hu rċieva mingħand Gaetano Saliba, il-prokuratur tal-konfraternità ddedikata lill-Madonna tal-Konsolazzjoni fil-knisja ta' Santu Wistin il-Belt, is-somma ta' 90 skud, għal xogħol u nduratura bil-fidda ta' seba' gandlieri kbar, salib, sitt vażetti żgħar u sitt gandlieri żgħar.[33] Għaxar xhur wara, fl-4 ta' Diċembru 1788, Giuseppe Cachia, il-prokuratur tal-altar ddedikat lil Santa Katerina fil-knisja parrokkjali ta' Bormla, ħallas lil Vincenzo 84 skud, il-prezz ta' sitt gandlieri inkluża l-induratura bil-fidda.[34] Fl-24 ta' Awissu 1791 Vincenzo ddikjara li rċieva s-somma ta' 87 skud għal diversi gandlieri u vażetti ta' l-injam magħmula bit-torn li kien ħadem u ndura għall-altar iddedikat lil San Martin fil-knisja ta' San Pawl Appostlu tal-Belt mingħand Giuseppe Cassar bħala prokuratur tal-altar.[35] Wieħed jista' josserva li l-prezzijiet ma tantx kienu jvarjaw wisq minn ordni għal oħra.

Xi drabi Vincenzo Dimech kien jagħmel xogħol ta' induratura fuq xogħol lest ukoll. Fl-1 ta' Mejju 1798 Vincenzo ftiehem ma' Dun Giuseppe Attard, il-kappillan tal-parroċċa ta' H'Attard, u Dun Vincenzo Sciortino, il-prokuratur tal-Via Sagra, biex sa l-aħħar ta' dik is-sena jindura bid-deheb tnax il-gwarniċ tal-kwadri diġa miksija bil-ġibs għal prezz ta' 19-il skud il-wieħed, li b'kollox kien jammonta għal 228 skud.[36] Vincenzo kellu jirċievi nofs l-ammont tal-ġbir li kien isir matul is-sena għall-Via Sagra u dan kellu jibqa jseħħ sakemm hu jitħallas.[37]

Barra xogħlijiet għall-knejjes, Vincenzo Dimech kien jaħdem ukoll għal nies privati. Fortunato Bonello[38] minn H'Attard kien ordna xi xogħol ta' skultura u nduratura għandu u kien għad fadallu jħallas xi bilanċ. Nhar l-14 ta' Marzu 1798 Bonello wegħdu li sal-10 ta' April jkompli jħallas l-kumplament tad-dejn li kien jammonta għal 80 skud.[39] Dan tħallas xhar wara.[40]

Xi kultant Vincenzo kien jinħatar bħala espert biex jagħti stima ta' xi xogħol imwettaq minn ħaddieħor. Fit-8 ta' Frar 1783 huwa stima t-tinqix u l-iskultura maħduma minn Francesco Briffa fil-pultruna (*sedia*) tas-sinjuri Ġurati misjuba fil-knisja parrokkjali ta' Bormla għall-prezz ta' 130 skud.[41] Din ma kenitx l-unika darba li xi xogħol ta' Briffa jkun stmat minn xi esperti. Fid-29 ta' Mejju 1769 Albino Grech u Angelo Agius, il-konsli tal-mastrudaxxi, stmaw il-mudell tal-injam li Briffa ħadem għall-prokuraturi tal-altar iddedikat lil San Krispin fil-knisja ta' San Pawl ġewwa l-Belt għall-prezz ta' 85 skud.[42]

Dawn huma biss ftit eżempji mix-xogħlijiet li Vincenzo Dimech wettaq għall-knejjes.

## L-istatwa ta' l-Anġlu Kustodju

Patri Sammut kiteb hekk dwar din l-istatwa, "L-istatwa ta' Anġlu Kustodju … L-awtur tagħha naħsbu li hu V. Dimech",[43] iżda d-dokumenti juru mod ieħor.

Nhar il-11 ta' Jannar 1757 l-isqof laqa' ir-rikors tal-kjeriku Biagio Santo u Tomaso Costa, kummissarji deputati magħżula mill-konfraternità tal-Anġlu Kustodju, biex ikunu jistgħu jordnaw statwa tal-injam tirrappreżenta lill-qaddis patrun tagħhom.[44] Skond huma din kienet se tqum 70 skud għall-iskultura u madwar 50 skud għall-induratura biex meta kompluta toħroġ proċessjonalment fil-festa tagħha.

Jumejn wara, fit-13 ta' Jannar, Carmine Gioiosa, bħala prokuratur tal-istess konfraternità, ftiehem ma' Francesco Dimech biex jiskolpixxi statwa ta' l-Anġlu Kustodju flimkien ma' tfajjel ċkejken minn injam tal-punent (*di Ponente*).[45] Din riedet tkun għolja daqs l-istatwa ta' San Mikiel Arkanġlu meqjuma fil-knisja ta' San Pawl ġewwa l-Belt.[46] Francesco ntrabat ukoll li jaħdem għall-istess statwa pedistall, bradella tal-injam ta' l-aħmar u lasti tal-injam tal-fagu kollox f'għoli u wisa' l-istess daqs dawk ta' l-istatwa ta' San Mikiel. Dan ix-xogħol kollu għall-prezz ta' 70 skud ried jitlesta bla difetti sal-15 ta' Awissu 1757 għax inkella Gioiosa seta' jirrifjutah. Francesco aċċetta li jagħti b'xejn żewġ serratizzi tal-aħmar sabiex l-istatwa tkun tista' titpoġġa fuqhom fil-knisja. Mill-banda l-oħra l-injam li Gioiosa seta' jagħti lil Francesco kien kunsidrat b'xejn. Preżenti waqt il-kuntratt, barra r-Rettur tal-konfraternità u uffiċjali oħra, kien hemm missier Francesco, Sigismondo, li ta' l-kunsens lil ibnu.

## Xi xogħlijiet oħra ta' Francesco Dimech

Milli jidher Francesco kien magħruf għall-iskultura kemm f'xogħlijiet kbar kif ukoll imdaqqsa.

Fit-30 ta' Settembru 1755 Francesco, permezz ta' missieru Sigismondo, li deher għan-nom ta' ibnu, irċieva 30 skud mingħand Dun Giorgio Fenech, għan-nom tal-kavalier Fra Andrea Abela La Valle tal-Lingwa ta' l-Italja, bħala parti mill-ħlas li kellu jieħu ta' skultura skond disinn approvat fuq pultruna li kellu jispiċċaha sal-15 ta' Ottubru.[47] Fl-20 ta' Awissu 1757 Francesco ftiehem ma' Giovanni Viani biex sat-30 ta' l-istess xahar jagħmillu xi xogħol fil-kaless għas-somma ta' 12-il skud li minnhom kien qed jirċievi 10 skudi bil-quddiem.[48] Fil-5 ta' Lulju 1758 Francesco ftiehem ma' Dun Costanzo Bruno mill-parroċċa tal-Birgu biex sa l-aħħar ta' Awissu jaħdimlu skannell tal-injam abjad Venezjan wiesa' 6 palmi u għoli palm u l-kustodja fejn jinżamm is-Sagrament għolja 2 palmi u nofs b'xi intaljar fuqha għall-prezz ta' 25 skud.[49]

Bħal ħuh Vincenzo, Francesco kien ukoll jaħdem gandlieri u vażetti. Fit-23 ta' Jannar 1762 hu ftiehem ma' Dun Gio. Paolo Dimech, prokuratur tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan, biex jaħdem u jiskolpixxi żewġ gandlieri bil-maqgħad ta' taħthom (*due torciere colle loro bradelle*) li riedu jkunu lesti sal-25 ta' Mejju għall-prezz ta' 56 skud.[50] Minn dan l-ammont Francesco rċieva 10 skudi bil-quddiem u l-kumplament hekk kif illestihom. Din ma kenitx l-ewwel darba li ħadem dan it-tip ta' xogħol. Fit-12 ta' Ġunju 1763 Francesco ddikjara li kien tħallas is-somma ta' 80 skud mingħand Dottor Federico Gatt, prokuratur tal-altar iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju tal-knisja tad-Dumnikani ġewwa l-Belt.[51] Dan l-ammont kien dovut għall-injam u x-xogħol tiegħu mqassam hekk: 25 skud għall-iskultura ta' sitt gandlieri kbar, 27 skud għal għaxar gandlieri iżgħar u l-kumplament 28 skud għal sitt vażetti kbar u tmienja żgħar.

Bħal skulturi oħra, barra xogħol fl-injam Francesco kien jiskolpixxi wkoll fil-ġebla Maltija. Madwar is-snin 1775-76 Francesco kien ġie mqabbad biex jiskolpixxi l-faċċata, il-mensa, il-ġnub u l-iskannell tal-ġebel ta' l-altar ġdid imwaqqaf u ddedikat lill-Madonna tal-Buon Kunsill fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ. Fis-7 ta' Mejju 1777 Francesco ddikjara li kien tħallas is-somma totali ta' 195 skud 4 tarì 5 grani bl-aħħar pagament nhar it-23 ta' Novembru 1776 mingħand Dun Gaetano Brignone, prokuratur-amministratur ta' dan l-altar.[52]

Fl-istess knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ, fis-6 ta' April 1783, il-kappillan Dun Felice Borg flimkien ma' ħames prokuraturi ftehmu ma' Francesco biex jiskolpixxi l-altar il-ġdid iddedikat lil San Ġwann Battista u lill-Madonna taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni li kien jinsab f'dik il-parti tal-knisja fejn joqogħdu n-nisa.[53] Hu ried jillesti dan ix-xogħol fi żmien ta' 14-il xahar li kellu jibda mit-13 ta' Mejju għall-prezz ta' 160 skud. Kellu jitħallas 120 skud skond ix-xogħol imwettaq u l-40 skud l-oħra mat-tkomplija. Ħlief għal żewġ medaljuni f'bassoriljiev u l-puttin bil-palma f'idejh, l-iskultura ta' dan l-altar kellha tkun ugwali u uniformi bħal dik ta' l-altar ta' Santa Katarina fl-istess knisja.



Il-partijiet qablu li l-prokuraturi setgħu jibdlu l-ħsieb dwar il-forma taż-żewġ anġli żgħar biex isiru f'xi forma oħra li xtaqu. Dan seta' jitwettaq bil-kundizzjoni li jekk kemm-il-darba il-mudell tagħhom jippretenduh kbir huma kellhom joħorġu l-ispejjeż tiegħu iżda jekk jistennewh żgħir allura l-ispejjeż joħroġhom Francesco. Il-prokuraturi setgħu jordnaw

lil Francesco biex jiskolpixxi wkoll l-iskannell ta' l-altar il-ġdid biex isir jixbah lil dak ta' San Mikiel Arkanġlu[54] flimkien maż-żewġ mensoli li jitpoġġew tahtu għall-prezz ta' 8 skudi aktar mis-somma diġà miftehma. Kellhom jitnaqqsu 10 skudi għal kull xahar li Francesco jdum iżjed mill 14-il xahar li kellu jieħu biex jillesti x-xogħol.[55]

Fit-13 ta' Ottubru 1783 Francesco Dimech ftiehem ma' Giovanni Borg, il-prokuratur tal-altar iddedikat lil Madonna tar-Rużarju fil-knisja Kolleġġjata ta' Birkirkara, biex jiskolpixxih il fuq fis-sekond ordni ħalli hekk isir jixbah lill-altar iddedikat lis-Santissimu Kurċifiss fl-istess Kolleġġjata għall-prezz ta' 165 skud.[56] Dan ix-xogħol kellu jitlesta sat-8 ta' Diċembru 1783.[57]

Dawn huma ftit mix-xogħlijiet li wettaq Francesco Dimech sew fil-ġebel kif ukoll fl-injam.

## Tagħrif bijografiku fuq il-familja Dimech u ż-żewġ skulturi bl-isem ta' Vincenzo

Din il-bijografija fuq il-familja Dimech hija intenzjonata biex għall-ewwel darba wieħed ikun jista' jiddistingwi bejn l-iskulturi Vincenzo Dimech, iben Sigismondo u Emilia, li twieled fis-sena 1744 u Vincenzo Dimech nepputieh, iben Francesco, wild ieħor ta' l-istess Sigismondo u Emilia.

Nhar il-21 ta' Ġunju 1729 Sigismondo Dimech, iben Giuseppe u l-mejta Catarina, iżżewweġ lil Emilia, bint Paolo de Lorenzo u l-mejta Elisabetta.[58] Bejn is-snin 1729 u 1747 dawn kellhom ta' l-inqas sitt ulied li ngħataw dawn l-ismijiet fil-magħmudija: Horatius, Joseph, Eugenius (13 ta' April 1730);[59] Aurelia, Elizabeth (13 ta' Frar 1732);[60] Carolus, Franciscus (5 ta' Novembru 1734);[61] Catarina (13 ta' Settembru 1741);[62] Jacobus, Vincentius (11 ta' April 1744) u Elizabeth, Rosa (7 ta' Ottubru 1747).[63] Ma jidhirx li xi wlied mietu żgħar għax skond l-*Status Animarum* ta' l-1750 il-familja Dimech kienet tgħix fl-inħawi ta' *Strada della Ficara* u kienet tikkonsisti fil-missier li bi żball il-kappillan niżżlu bħala Raimondo li kellu 48 sena, martu Emilia, imniżżla wkoll Bartolomea flok Emilia l-veru isimha (42 sena), Giuseppe (19-il sena), Aurelia (17-il sena), Francesco (15-il sena), Catarina (9 snin), Vincenzo (6 snin) u Maria (3 snin).[64] L-aħwa Francesco u Vincenzo, ulied Sigismondo u Emilia, kienu żewġ skulturi magħrufa speċjalment fit-tieni nofs tas-seklu tmintax.

Fl-1 ta' Lulju 1765 Francesco Dimech iżżewweġ lil Simpherosam bint Vincenzo Pace u Anne.[65] Din il-koppja matul iż-żwieġ tagħha kellha ta' l-anqas sitt ulied li ngħataw dawn l-ismijiet fil-magħmudija: Vincentia, Catherina (8 ta' April 1766); Vincentia, Josepha, Angelica, Pascha (20 ta' April 1767); Vincentius, Bartholomeus, Fabritius, Petrus, Paulus (30 ta' Ġunju 1768); Joseph, Xaverius, Felix, Nicolaus, Antonius (11 ta' Diċembru 1770); u t-tewmin Sigismundus, Philippus, Aloysius u Candida, Anna, Maria (23 ta' Marzu 1775).[66]



Francesco Dimech miet nhar id-29 ta' Marzu 1786 fl-għomor ta' 51 sena u ġie midfun fil-knisja tal-Karmnu ġewwa l-Belt.[67] Martu Simphorosa mietet ħamsa u għoxrin sena wara, nhar is-27 ta' Lulju 1811, fl-età ta' 77 sena u kienet midfuna fil-parroċċa ta' San Duminku ġewwa l-Belt.[68] Binhom Vincenzo iżżewweġ nhar l-1 ta' Ġunju 1802 lil Saveria Mallia, bint Mark Antonio u Paula née Demarco fil-parroċċa ta' San Lawrenz ġewwa l-Birgu.[69] Hu miet nhar it-2 ta' Frar 1831 u ġie midfun fil-knisja ta' Santa Teresa ġewwa Bormla.[70]

Nhar l-20 ta' April 1776 Vincenzo Dimech (ħu Francesco) iżżewweġ lil Rosam Spagnolo, armla ta' Angeli u bint Petri Psaila u l-mejta Maria.[71] Hu miet nhar it-30 ta' Ottubru 1803 fl-età ta' madwar 65 sena u ġie midfun fil-knisja ta' San Franġisk ġewwa l-Belt.[72] Martu Rosa mietet nhar l-1 ta' April 1826 meta kellha madwar 85 sena.[73]

## Konklużjoni

Għall-ewwel darba wieħed jista' jgħid min kienu l-iskulturi li ħadmu l-istatwi tal-Madonna tal-Karmnu u ta' l-Anġlu Kustodju meqjuma fil-knisja tal-Karmnu ġol-Belt. Fi żmien dawn l-iskulturi Francesco u Vincenzo kien hemm oħrajn magħrufa fit-tieni nofs tas-seklu tmintax bħal l-aħwa Cosimo u Giuseppe Scolaro,[74] Giovanni Caruana,[75] Andrea Imbrogl,[76] Antonio Fabri,[77] u oħrajn li magħhom kellhom kompetizzjoni qawwija f'dan il-qasam ta' xogħol.

Kien hemm żewġ skulturi bl-istess isem ta' Vincenzo li taw kontribut fix-xogħol ta' l-iskultura fi żmenijiet differenti għax wieħed, li kien jiġi z-ziju ta' l-ieħor, twieled fis-sena

1744 u n-neputi twieled fis-sena 1768. Awturi li kitbu fuq skulturi Maltin magħrufa ma rrealizzawx li kien hemm żewġ skulturi bl-istess isem ta' Vincenzo bil-konsegwenza li l-iskultur Vincenzo l-anzjan intesa għal kollox u għalhekk ħawdu wieħed ma' l-ieħor. Minn barra li skolpixxa monumenti pubbliċi Vincenzo ż-żgħir kien ukoll għalliem ta' l-iskultura fl-Università u forsi għalhekk baqa' aktar magħruf minn zijuh.[78]

## Dok. 1

*Kuntratt bejn il-komunità tal-patrijiet tal-Karmnu ġewwa l-Belt u l-iskultur Vincenzo Dimech biex jiskolpixxi fl-injam statwa li tirrappreżenta l-Madonna tal-Karmnu flimkien mal-pedistall fi żmien ħames xhur għall-prezz ta' 90 skud, 31 ta' Lulju 1781.* ANV, Nut. A. Zerafa, R 509/50, ff. 1105-1107.

[f. 1105] [Fil-marġni] Obligatio Pro Conventum Carmelitanum contram Vincentium Dimech

Alli trent'uno del mese di Luglio mille settecento ottantauno corrente la decima quarta Indizione

Presente costituito in presenza di noi Notaro, e testimoni infrascritti mastro Vincenzo Dimech del fù Sigismundo di questa Città Valletta da me conosciuto, di sua libera volontà promette, e s'obliga verso i Molto Reverendissimi Padri del Convento della Beata Vergine sotto titolo del Monte Carmelo eretto in questa Città Valletta cioè il Reverendo Padre Frà Benedetto Grech attuale Priore, Maestro di Sacra Teologia Frà Giuseppe Cachia, Maestro di Sacra Teologia Frà Eliseo Balsan, Maestro di Sacra Teologia Francesco Berchi, Maestro di Sacra Teologia Frà Michele Angelo Chercop, Maestro di Sacra Teologia Frà Alberto Badat, Maestro di Sacra Teologia Frà Pietro Tomaso Tanti, Reverendi Padri Aloiisio Rossi, Frà Giuseppe Busuttil, Frà Via Moreo, Frà Giuseppe Agius, Bacilliere Frà Alberto Camilleri, Frà Leopoldo Dandalona, Frà Giuseppe Grech, Frà Nicola [f. 1105$^v$] Agius, e Lettore Frà Salvatore Caruana da me conosciuti, rappresentanti la maggior parte del loro Capitolo, congregati per suono di campana com' è di stile, nella Sala Capitulare di detto loro Convento, e stipulando di dover fare scolpire una statua rappresentante la Beata Vergine del Monte Carmelo d'altezza palmi sei ed un quarto di palmo oltre la nuvolata che sarà sotto li piedi di detta statua, e sul piedistallo suo con Gesù Bambino sù le braccia della detta Beata Vergine, simile à quella statua della Beata Vergine del Sacratissimo Rosario della Città Notabile.

Più far scolpire non solamente quella nuvolata che sarà sotto i piedi di detta statua ma anche quelli cornici del piedestallo di detta statua che sarà d'altezza palmi due, e due terze parti d'un palmo, di larghezza però palmi quattro, e scolpire quelli lavori esistenti nel disegno di detto piedestallo, sotto scritto dal Molto Reverendo Padre Fra Benedetto Grech Priore, da me [f. 1106] Notaro infrascritto, e dal Signor Aurelio Zahra commisionato nomine di detto Vincenzo Dimech, da conservarsi in poter del medesimo Dimech, il tutto da buon mastro, conforme richiede la sua arte, con quella legname, tanto della statua sudetta, come di quelle parti, che dovranno esser scolpite da provedersi da esso Dimech come banco etc. nel termine di cinque mesi continui da contarsi dal giorno d'oggi innanzi, e mancando detto Dimech in tale lavoro, sarà lecito alli medesimi Molto Reverendissimi Padri far fare tale lavoro da qualunque altro mastro à loro benvisto, à danni, spese, ed interessi di detto Dimech accettante.

E ciò per staglio, e mercede di scudi novanta in tutto, de' quali scudi 90 il riferito Dimech dice, e confessa d'aver ricevuto da detti Reverendissimi Padri presenti, e pagando scudi venticinque presentialmente in monete d'oro.

L'altri poi scudi sessanta cinque à compimento, li riferiti Reverendissimi Padri presenti come sopra promettono, e s'obligano pagarli al medesimo Dimech stipulando, come [f. 1106$^v$] banco in danari effettivi etc. subito finita, e perfezionata l'opera sudetta, e consegnata dal medesimo Dimech alli detti Reverendissimi Padri, senza verun' eccezione etc.

Sotto li seguenti patti, è primo, tutte le volte che il legno per scolpire detta statua della Beata Vergine sarebbe provisto dalli detti Reverendissimi Padri, in tal caso detto Dimech sarà tenuto siccome si è obligato, e s'obliga scemare, e dedurre à favor de medesimi Reverendissimi Padri dalli sudetti scudi novanta, scudi quindici, e non altrimenti etc.

Item, che la legname, ferri, e manifattura del detto piedestallo dovran pagarsi dalli detti Reverendissimi Padri, alla riserva di quella legname che dovrà scolpirsi, e mettersi in detto piedestallo secondo il disegno sudetto quale dovrà provedersi dal medesimo Dimech, e non altrimenti etc.

Finalmente, che detto Dimech sarà tenuto nella statua sudetta far mettere il Bambino Gesù sù le braccia di detta Beata Vergine, che riguarda la parte di fuori, e con qualche gestile verso al detta Beata Vergine, e non altrimenti etc.

Tutte le quali cose etc.

[f. 1107] Ed han giurato etc. Per il che etc.

Fatto il presente atto in Malta, e nella Città Valletta in presenza di Gio. Battista Borg del fù Giuseppe, e di Pasquale Spiteri del fù Nicola della detta Città Valletta testimonii.

## Dok. 2

*Kuntratt bejn il-prokuratur tas-Sodalità ta' l-Anġlu Kustodju mwaqqfa fil-knisja tal-Karmnu ġewwa l-Belt u l-iskultur Francesco Dimech biex dan jiskolpixxi fl-injam statwa li tirrappreżenta lill-Anġlu*

*Kustodju flimkien mal-pedistall u l-bradella sal-15 ta' Awissu għall-prezz ta' 70 skud u l-approvazzjoni tar-rikors tad-deputati kummissarji tas-Sodalità tal-Anġlu Kustodju mill-isqof: 13 ta' Jannar 1757.* ANV, Nut. A. Zerafa, R 509/26, ff. 507ᵛ-510.

[f. 507ᵛ] [Fil-marġni] Obligatio Pro Sodalitate Angeli Custodis contram Franciscum Dimech

Alli tredici del mese di Gennaro
mille settecento cinquanta sette
corrente la V. Indizione

Francesco Dimech figlio di Sigismondo di questa Città Valletta da me Notaro infrascritto conosciuto presente inanzi à noi, di sua libera volontà promette, e s'obliga verso il mastro Carmine Gioiosa del fù Gerardo di questa Città Valletta da me Notaro pure conosciuto presente, e stipulando come attuale procuratore della Veneranda Sodalità dell'Angelo Santo Custode, eretta nella Veneranda Chiesa di Reverendissimi Padri della Beata Vergine del Carmine di questa Città Valletta, abilitato dall'Illustrissimo Signor Vescovo per decreto spedito sotto li 11 del corrente mese di Gennaro, in dorso d'un memoriale da Biagio Santo Chierico, e Tomaso Costa Commissarii à quest' [f. 508] effetto eletti, e deputati dalla Consulta di detta loro Sodalità, presentato à detto Illustrissimo Monsignor Vescovo, da inserirsi in piè del presente atto, di dovera far scolpire una statua di legname in onor di detto Santo Angelo Custode, con un puttino pure di legname d'altezza competente, quale servira per le processioni da farsi dalli Confratelli sivè Consodali li detta Sodalità, d'altezza simile à quella statua, ò sia figura di San Michele Arcangelo delli confratelli di detto Arcangelo Michele eretta nella Collegiata Chiesa di San Paolo della Valletta, con suo piedestallo, bradella, ed aste simili parimenti d'altezza, e larghezza à detta vara, ò sia statua dell'Arcangelo Michele, il tutto da buon mastro, senza verun difetto, e come richiede l'arte, come banco etc. per sino li 15 del mese d'Agosto primo venturo, ed ammancando detto Francesco Dimech in tale lavoro, sara lecito al detto Gioiosa nomine quo supra stipulando far fare tale lavoro da qualunque altro mastro à lui ben visto à danni, spese, ed interessi di detto Dimech accettante, ed in caso detto Dimech farrebbe detta opera defettuosa sara [f. 508ᵛ] lecito pure al detto Gioiosa nomine prefacto stipulando rifiutar la recettione di dett'opera, e non altrimente etc.

E ciò per staglio, e mercede di scudi settanta moneta di Malta, quali scudi 70 detto Carmine Gioiosa nomine quo supra promette, e s'obliga pagarli al riferito Francesco Dimech stipulando, come banco in danari effettivi subito finita, e perfezionata dett'opera, senza verun eccezione etc.

Sotto l'infrascritti patti, e primo che la statua di detto Angelo Custode, e suo puttino dovvran esser di legname di Ponente, il piedestallo, e bradella di tavole roscie, e le aste di detta statua dovvran esser di fago, e non altrimente etc.

Item che detto Francesco Dimech sara tenuto pure, siccome si è obligato, e s'obliga far gratis, e senza verun pagamento due cavalletti di serrattizzi rosci, sù de quali si poserà in chiesa detta statua dell'Angelo Custode, e non altrimente etc.

Item che il legno da detto Gioiosa consegnato al detto Dimech s'intenderà dato gratis da detto Gioiosa nomine quo supra al riferito Dimech, e non altrimente etc.

Presenti pure il mastro Natale Spiteri del fù Gio Maria, e Biagio Santo Chiercio del fù Giovanni di detta Città Valletta, da me conosciuti, [f. 509] il primo come attuale Rettore di detta Sodalità dell'Angelo Custode, il secondo però come uno delli Commissarri deputati à quest'effetto dalla Consulta fatta dalli Consodali di detta Sodalità sotto li ......, e consenstienti, e non altrimente etc.

Presente anche Sigismondo Dimech del fù Giuseppe di questa Città Valletta padre del riferito Francesco, da me pure conosciuto, e dà il suo consenso al detto Francesco suo figlio, e non altrimente etc.

Tutte le quali cose etc.

[f. 509ᵛ] Et han giurato etc. Perilche etc.

Fatto, e stipulato il presente atto in Malta, e nella Città Valletta in presenza del signor Giovanni Lauron figlio del signor Alessio e del mastro Silvestro Buttigieg figlio del mastro Pietro Paolo ambidue di detta Città Valletta testimonii.

Il-tenore del quale memoriale è come siegue = Illustrissimo e Reverendissimo Monsignor = Biagio Santo Chierico, e Tomaso Costa Commissarrii deputati dalla Consulta Generale della Confraternita, ò sia Sodalità dell'Angelo Custode, eretta nella Chiesa del Carmine di questa Città Valletta Umilissimi Servi, e sudditti di Vostra Signoria Illustrissima, e Reverendissima riverentemente espongono per la pecoliar devozione professano verso il Santo Angelo Custode loro protettore, desiderarebbero far una statua di legno del valore di scudi settanta di sua scoltura, ed altri scudi cinquanta in circa di sua doratura, quale servira per le processioni si farano insolenizar il giorno festivo di detto Santo Angelo Custode, quale spesa si fara à spese de confratelli, sivè Consodali di detta Sodalità, ed altre persone devote, ma perche Illustrissimo Monsignor ciò non puol farsi senza il permesso di Vostra Signoria Illustrissima e Reverendissima, Perciò ess' Oratori prostrati à piedi di Vostra Signoria Illustrissima, e Reverendissima supplicandola umilmente aggraziarli di tale facoltà, [f. 510] e della grazia etc. = Oretenus habilitamus ad effectum de quo in precibus = Datum in Palatio Nostro Episcopalis Civitatae Vallettae die xi Januarii 1757 = Fr. Paulus Archiepiscopus Episcopus Melitensis.

1 Għal aktar tagħrif fuq il-miġja ta' l-ewwel Karmelitani f'Malta, ara S. Abela, *L-ewwel Karmelitani f'Malta 'Il-Lunzjata l-Qadima' (1418-1659)*, Malta 1993, 1-30.

2 L. M. Sammut, *Is-Santwarju tal-Karmnu*, Malta 1952, 15-22. Ara ukoll, S. Abela, 'Il-Karmelitani f'Malta', f'*Mitt-sena mill-Inkurunazzjoni 1881-1981*, Malta 1981, 33-6.

3 G. Aquilina OFM u S. Fiorini (ed.), *Documentary Sources of Maltese History Part IV Documents at the Vatican No.1 Archivio Segreto Vaticano Congregazione Vescovi e Regolari Malta: Visita Apostolica no. 51 Mgr Petrus Dusina, 1575*, Malta 2001, 163-64.

4 Għal aktar tagħrif fuq din il-konfraternità, ara Sammut, 163-66.

5 Dawn huma żewġ statwi li artistikament jolqtuk bi sbuħithom iżda ma nafux min kien l-iskultur li naqqaxhom: *ibid.*, 72-4.

6 Din l-istatwa ġiet mogħtija lill-Kunvent tal-Karmelitani fis-sena 1890: *ibid.*, 74-6.

7 *Ibid.*, 76-8.

8 A(rkivju) N(utarili) V(alletta), Nut(ar) A. Zerafa, R 509/50, ff. 1105-1107. Ara Dok. 1.

9 Hawnhekk jista' jkun qiegħed jirreferi għall-istatwa tar-Rużarju fil-knisja tad-Dumnikani ġewwa r-Rabat: ara nota 13 u 16. Jista' jkun ukoll qed jirreferi għall-knisja tal-Karmnu ġo l-Imdina fejn f'dawk is-snin diġà kien hemm statwa ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu li kienet ġiet skolpita minn Andrea Imbrogl: S. Abela, *Il-Karmelitani fl-Mdina (1659-1994)*, Malta 1994, 54 u 70. Għal aktar tagħrif fuq l-iskultur Imbrogl, ara J. Debono, 'Il-Vara Titulari taż-Żejtun u l-Iskultur Tagħha', *It-Torċa*, 15 ta' Mejju 2005.

10 Aurelio kien ir-raba' wild tal-pittur Francesco Zahra li għex fis-seklu tmintax. Għal aktar tagħrif fuq il-familja Zahra, ara E. F. Montanaro, 'Materials for the life of Francesco Vincenzo Zahra', fi *Francesco Zahra 1710-1773*, ed. J. Azzopardi, Malta 1986, 20-2 u 29.

11 Sammut, 78.

12 *Ibid.*

13 Fid-9 ta' Diċembru 1773 hu aċċetta li jiskolpixxi statwa ddedikata lill-Madonna tar-Rużarju mingħajr pedistall u żebgħa għall-konfraternità tar-Rużarju ġo Ħal Balzan. Din kellha titlesta sal-festa ta' l-Għid tas-sena ta' wara. Riedet tinħadem mill-injam tal-ulmu għall-prezz ta' 60 skud u kellha tkun għolja u wiesgħa bħal dik meqjuma fil-kunvent tad-Dumnikani ġewwa r-Rabat. Il-prokuratur Michele Vassallo ntrabat li jħallas lil Dimech hekk kif l-istatwa tkun lesta u li joħroġ ukoll l-ispejjez tat-trasport tagħha mill-Belt sa Ħal Balzan: ANV, Nut. A. Zerafa, R 509/43, ff. 528ᵛ-530. Nhar id-9 ta' Diċembru 1774 Dimech iddikjara li rċieva s-somma ta' 60 skud: *ibid.*, f. 529, kuntratt marġinali. Għal aktar dettalji fuq din l-istatwa, ara Ġ. Dimech, *Ħal Balzan Ġrajjietu sa l-1999*, Malta 2004, 150-52.

14 Għal aktar dettalji, ara J. Debono, 'L-Istatwa Titulari ta' Ħal Tarxien u l-Iskultur Tagħha, f'*Parroċċa Ħal Tarxien Festa ta' Marija Annunzjata 2006*, 15 n 8. Fil-fatt saru żewġ statwi taħt it-titlu tal-Madonna tar-Rużarju, waħda minn Antonio Fabri (1769) u l-oħra minn Vincenzo Dimech (1776). Ġara li fis-sena 1803 il-fratellanza biegħet dik li x'aktarx kien skolpixxa Fabri bil-pedistall u l-bradella b'kollox lill-kunvent tal-Kapuċċini ġewwa l-Kalkara għall-prezz ta' 125 skudi: ANV, Nut. A.V. Caruana, R 150/7, ff. 200ᵛ-202ᵛ, 20 ta' Settembru 1803.

15 Għal aktar tagħrif fuqha, ara J. Debono, 'L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fis-Sannat u l-iskultur tagħha', *Il-Mument*, 24 ta' Lulju 2005.

16 Din l-istatwa nġiebet minn Ruma fis-sena 1661: M. Fsadni, *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sa l-1620*, Malta 1974, 62 u 281. Għal aktar tagħrif fuq Gafà, ara K. Sciberras, *Roman Baroque Sculpture for the Knights of Malta*, Malta 2004, 15-6 *passim*.

17 ANV, Nut. S. S. Buttigieg, R 110/22, ff. 90-91ᵛ.

18 Fit-22 ta' April 1782 Dimech irċieva 10 skudi: *ibid.*, f. 90, kuntratt marġinali. Xahar wara, fid-29 ta' Mejju, Dimech iddikjara li rċieva l-kumplament, 32 skud 4 tarì: *ibid.*, f. 90ᵛ, kuntratt marġinali.

19 *Ibid.*, ff. 89-90.

20 Fis-7 ta' Diċembru 1781 Borg irċieva 10 skudi: *ibid.*, f. 89, kuntratt marġinali. F'inqas minn xahar wara, fit-12 ta' Jannar, il-partijiet iddikjaraw li kienu sodisfatti: *ibid.*, kuntratt marġinali.

21 Francesco kien jiġi ħu Vincenzo, iżda għaxar snin akbar minnu. Vincenzo aktarx tgħallem s-sengħa mingħandu. Għal aktar tagħrif fuqu u l-bijografiku tiegħu, ara aktar l-isfel.

22 ANV, Nut. S. S. Buttigieg, R 110/22, ff. 811ᵛ-812ᵛ.

23 Fid-19 ta' Ġunju 1782 Francesco rċieva 30 skud: *ibid.*, f. 811ᵛ, kuntratt marġinali. Nhar id-9 ta' Lulju tħallas is-somma ta' 10 skudi: *ibid.*, kuntratt marġinali. Xahrejn u nofs wara, fit-22 ta' Settembru, Francesco rċieva l-bilanċ ta' 20 skud: *ibid.*, kuntratt marġinali.

24 Fl-1796 Vincenzo skolpixxa erba' Appostli ta' l-injam għall-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien li għalihom irċieva tliet pagamenti ta' 20 skud il wieħed: A(rkivju) P(arrokkjali) T(arxien), Libro d'Esito Veneranda Lampada 1773-1839, ff. 64-64ᵛ. Ara wkoll J. De Bono, *L-Istorja tal-Vara tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien*, Malta 2004, 11.

25 Skond kitba privata tat-8 ta' Novembru 1769 bejn il-prokuratur Dun Gio. Maria Cauchi u Dimech fejn ġie mqabbad jagħmel xi skultura: ANV, Nut. P. V. Giammalva, R 292/18, ff. 348-349ᵛ.

26 *Ibid.*, R 292/20, ff. 958-958ᵛ.

27 ANV, Nut. A. Zerafa, R 509/43, ff. 1572ᵛ-1574.

28 Fit-12 ta' Settembru 1776 Dimech iddikjara li kien irċieva 77 skud 6 tarì 5 grani li kienu mqassma hekk: 62 skud 5 tarì 15 grani għall-kumplament tal-gandlieri, 10 skudi għas-salib ta' l-injam biex jitpoġġa fuq il-gandlier u 5 skudi 10 grani bħala rigal tax-xogħol li kien wettaq: *ibid.*, f. 1573, kuntratt marġinali.

29 Dun Giuseppe Pullicino, Dun Gregorio Bezina u Dun Ignazio Brignone, prokuraturi tal-knisja parrokkjali, ippreżentaw rikors lill-isqof fejn iddikjaraw li l-altar maġġur kien iservi mhux biss għall-funzjonijiet tal-parroċċa iżda wkoll tal-konfraternità tas-Santissimu Sagrament. L-altar ġa kellu gandlieri tal-*prima* u dawk tas-*sekonda* kienu qegħdin jinħadmu u biex ikun hemm simmetrija fl-ornament kien jonqos iż-żewġ gandlieri l-kbar tal-presbiterju għax dawk li kien hemm kienu antiki, koroh u fraġli. Dawn kienu saru a spejjeż tal-konfraternità u hi setgħet terġa' toħroġ l-ispejjeż għalihom għax il-parroċċa kellha piżijiet biżżejjed. L-isqof irrisponda nhar l-14 ta' Jannar 1782 billi xtaq ikun jaf kif kien jaħsibha l-kappillan. Jumejn wara l-kappillan Felice Borg iddikjara li l-knisja ma setgħetx tidħol fi spejjeż aktar minħabba r-reskritt li kienu ordnati jsegwu sakemm tinxtara t-tapezzeria. Fit-28 ta' Jannar l-isqof approva r-rikors: ANV, Nut. A. V. Brignone, R 93/31A, ff. 864-865ᵛ.

30 *Ibid.*, ff. 862ᵛ-864.

31 Fl-istess jum tal-ftehim Vincenzo rċieva 30 skud bil-quddiem: *ibid.*, ff. 865ᵛ-866.

32 Għalkemm kienu għaddew aktar minn sitt snin u tmien xhur mill-ftehim ta' April 1783 din il-kundizzjoni ma' ġietx applikata għax fit-28 ta' Diċembru 1789 Vincenzo ddikjara li rċieva 50 skud, il-kumplament tal-ħlas: ANV, Nut. S. S. Buttigieg, R 110/30, ff. 345-345ᵛ.

33 ANV, Nut. F. Cremona, R 194/18, ff. 364ᵛ-365ᵛ.

34 ANV, Nut. F. Glison, R 296/21, ff. 286ᵛ-287.

35 ANV, Nut. F. Cremona, R 194/21, ff. 1189-1189ᵛ.

36 ANV, Nut. S. S. Buttigieg, R 110/38, ff. 538-539. Madwar għoxrin sena qabel, bejn l-1777 u l-1779, Vincenzo wettaq diversi skulturi fuq gwarniċi tal-Via Sagra għall-parroċċa tan-Naxxar:

K. Sciberras, 'Late Eighteenth Century Painters in Malta – Case Study – The Via Crucis at the Parish Church of Naxxar', fi *Proceedings of History Week 1993*, ed. K. Sciberras, Malta 1997, 91-106. Ara wkoll K. Sciberras, 'Giuseppe Grech (1755-1787): Clarifications on his Artistic Activity', fi *Profeedings of History Week 1994*, ed. S. Fiorini, Malta 1996, 36-40.

[37] Tliet snin wara li sar dan il-ftehim, fl-4 ta' Mejju 1801, Vincenzo ddikjara li kien irċieva s-somma ta' 228 skud: ANV, Nut. F. Giammalva Loduca, R 293/14 (Settembru 1800-Awissu 1802), ff. 549ᵛ-550 (1800-1801).

[38] Fortunato Bonello kien benefattur kbir tal-parroċċa ta' Ħ'Attard għax fl-1812 hu hareġ 600 skud bhala parti mill-hlas ta' qanpiena li kienet tiżen 22 kwintal: għal aktar dettalji, ara J. Debono, 'Bell-Founders (Eighteenth Century', fi *Art and Artisans in St John's and other Churches in the Maltese Islands ca. 1650-1800: stone carving, marble, bells, clocks and organs*, Malta 2005, 218-19.

[39] ANV, Nut. S. S. Buttigieg, R 110/38, ff. 442ᵛ-443.

[40] Fid-19 ta' April 1798 Vincenzo rċieva l-ammont dovut ta' 80 skud mingħand Giuseppe Antonio, it-tifel ta' Fortunato: *ibid.*, ff. 516-516ᵛ.

[41] *Ibid.*, R 110/23, ff. 461ᵛ-462ᵛ.

[42] *Ibid.*, R 110/9, ff. 541ᵛ-542.

[43] Sammut, 83.

[44] ANV, Nut. A. Zerafa, R 509/26, ff. 509ᵛ-510. Ara Dok. 2.

[45] *Ibid.*, ff. 507ᵛ-509ᵛ.

[46] Din l-istatwa ddisinjata minn Domenico Guidi nġiebet minn Ruma fl-1674: J. Ciarlò, *The Hidden Gem St Paul's Shipwreck Collegiate Church – Valletta*, Malta 1993, 45.

[47] ANV, Nut. A. Zerafa, R 509/25, ff. 160ᵛ-162.

[48] '... fare nel sue calesse sei fugliami intagliati per aggiunta del guarnicione, quattro festuni pure intagliati nelli quattro angoli, e due guarnici uguali à quelli, che in detto calesse vi sono per la cristalla, ...': ANV, Nut. G. Morales, R 373/7 (1756-58), ff. 342-342ᵛ (1756-57).

[49] ANV, Nut. F. Alfano, R 15/22 (1757-59), ff. 608ᵛ-609 (1757-58).

[50] *Ibid.*, R 15/24 (1761-63), ff. 346ᵛ-347 (1761-62).

[51] ANV, Nut. O. V. Grillet Xiberras, R 308/7, ff. 638-639.

[52] ANV, Nut. P. P. Laferla, R 318/8, ff. 647-647ᵛ.

[53] Il-prokuraturi kienu Dun Giuseppe Maria Pullicino, Dun Ignazio Brignone, Dun Gregorio Bezina, Michele Fenech u Gio. Maria Pisano: ANV, Nut. V. A. Brignone, R 93/31A, ff. 858-860ᵛ. Skond ir-rikors ippreżentat biex issir ir-rinovazzjoni fuq dan l-altar kienu diġa ġew approvati rikorsi oħra bid-dati ta' 15 ta' Diċembru 1779 u tat-8 ta' Jannar 1781 iżda x-xogħol mitlub ma kienx twettaq. F'dan ir-rikors intalab permess biex fil-kwadru antik ta' San Giovanni Battista titpitter xbieha tal-Madonna Kunċizzjoni. Dun Giuseppe Sciberras offra 100 skud għal dan il-għan. Ir-rikors semma wkoll li kienet diġà teżisti fondazzjoni ddedikata lill-istess Madonna mwaqqfa minn persuna oħra devota. Il-prokuraturi xtaqu li dawn it-talbiet jiġu milqugħa biex tissaħħaħ id-devozzjoni lejn il-Madonna li lejha l-parruċċani kellhom qima kbira u li kienu lesti jikkontribwixxu biex jaraw ix-xogħol jitwettaq. Talbu wkoll il-permess biex ikunu jistgħu jsiru l-kwadri tal-Kunċizzjoni, tal-Qalb ta' Ġesù u ż-żewġ kwadri fil-ġnub ta' San Franġisk Saverju u ta' San Lwiġi Gonzaga. Fit-12 ta' Ġunju 1782 l-isqof talab il-kummenti tal-kappillan qabel iddeċieda. Tlett ijiem wara, fil-15 ta' Ġunju, il-kappillan aċċertah li dan il-proġett kien xieraq u għalhekk seta' jitwettaq. L-isqof approvah fis-17 ta' Ġunju: *ibid.*, ff. 860ᵛ-862. Ara wkoll L. Vella, *Storja ta' Ħaż-Żebbuġ*, ed. L. Cachia, Malta 1986, 61-3.

[54] L-iskultura tal-faċċata ta' dan l-altar ta' San Mikiel b'żewġ kolonni sar minn Antonio Fabri: Vella, 61. Għal aktar tagħrif fuq l-iskultur Fabri ara, J. Debono, 'L-Istatwa Titulari ta' San Pawl fir-Rabat u l-Iskultur Tagħha', fi *Il-Festi Tagħna 2006, Rabat*, Malta 2006.

[55] Fit-28 ta' Settembru 1785 Francesco ddikjara li kien tħallas is-somma ta' 160 skud kif kien ftiehem: ANV, Nut. V. A. Brignone, R 93/34, ff. 124-124ᵛ.

[56] ANV, Nut. F. Grech, R 301/27, ff. 265-265ᵛ. Għal aktar tagħrif fuq dan l-altar, ara P. Gauci, *Birkirkara: Storja, Kolleġġjata, Knejjes Filjali*, Malta 2005, 257-59.

[57] Fl-20 ta' Marzu 1784 Francesco ddikjara li kien irċieva 160 skud: ANV, Nut. F. Grech, R 301/28, ff. 643-643ᵛ.

[58] A(rkivju) P(arrokkjali San) D(uminku) V(alletta), Liber Matrimoniorum, vol. vii ( 1724-40), f. 65.

[59] *Ibid.*, Liber Baptizatorum, vol. vi (1719-31), p. 531.

[60] *Ibid.*, Liber Baptizatorum, vol. vii (1732-42), p. 7.

[61] A(rkivju) P(arrokkjali San) P(awl) V(alletta), Liber Baptizatorum, vol. viii (1727-42), ff. 196-196ᵛ.

[62] APDV, Liber Baptizatorum, vol. vii (1732-42), p. 529.

[63] *Ibid.*, Liber Baptizatorum, vol. viii (1743-53), pp. 65 u 242 rispettivament.

[64] A(rkivju) A(rċiveskovili) F(urjana), Rollo della Chiesa Matrice di Santa Maria di Porto Salvo per il 1750, f. 29.

[65] APDV, Liber Matrimoniorum, vol. ix (1755-79), f. 150ᵛ.

[66] *Ibid.*, Liber Baptizatorum, vol. x (1766-76), pp. 12, 53, 109, 228 u 427-28 rispettivament.

[67] *Ibid.*, Liber Defunctorum, vol. vi (1774-87), f. 200ᵛ.

[68] *Ibid.*, Liber Defunctorum, vol. viii (1805-30), f. 124ᵛ.

[69] A(rkivju) P(arrokkjali) B(irgu), Liber Matrimoniorum, vol. v (1801-31), p. 9.

[70] APDV, Liber Defunctorum, vol. ix (1831-42), f. 2ᵛ.

[71] *Ibid.*, Liber Matrimoniorum, vol. ix (1755-79), f. 270. Fit-28 ta' Diċembru 1769 Vincenzo u Rosa kellhom tifel li tawh dawn l-ismijiet fil-magħmudija Sigismundus, Stephanus u Joannes. Melchiore Pace u martu Catherina, oħt Vincenzo, għamluha ta' parriniet fil-magħmudija tiegħu: *ibid.*, Liber Baptizatorum, vol. x (1766-76), pp. 176-177. Nhar is-26 ta' April 1790 Sigismondo żżewweġ lil Antonina Savona, bint Michele u Catarina fil-parroċċa ta' San Lawrenz ġewwa l-Birgu: APB, Liber Matrimoniorum, vol. iv (1746-1801), p. 113. Sigismondo kien tgħallem is-sengħa ta' skultur mingħand missieru.

[72] APPV, Liber Defunctorum, vol. xiv (1803-16), p. 28. Iċ-ċertifikat tal-mewt jidher li mhux korrett dwar l-età tiegħu għax fil-fatt kellu madwar 59 sena.

[73] APDV, Liber Defunctorum, vol. viii (1805-30), f. 323ᵛ.

[74] J. Debono, 'Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-Iskultur Tagħha', fi *Leħen il-Parroċċa Ħal Luqa*, nru. 366 (Lulju-Awissu 2005), 4-10.

[75] *Id.*, 'Il-Vara Titulari ta' San Pawl fir-Rabat u l-Iskultur Tagħha', fi *Il-Festi Tagħna 2006*, Rabat, Malta 2006, 9-15.

[76] *Id.*, 'Il-Vara Titulari taż-Żejtun u l-Iskultur Tagħha', *It-Torċa*, 15 ta' Mejju 2005.

[77] *Id.*, 'L-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fis-Sannat u l-iskultur tagħha', *Il-Mument*, 24 ta' Lulju 2005.

[78] Għal aktar tagħrif dwaru, ara M. Ellul, 'Art and Architecture in Malta in the early Nineteenth Century', fi *Proceedings of History Week 1982*, ed. M. Buhagiar, Malta 1983, 15-7; P. P. Castagna, *Lis Storja Ta Malta Bil Gzejer Tahha*, i, ed. Faksimile, Malta 1985, 203; O. Friggieri, 'L-Iskultur Vincenzo Dimech u l-Istatwa ta' San Publju', fi *Il-Furjana*, Lulju 1978 – Marzu 1979, vol. iv, nru. 3-5; A. Bonnici, *L-Isla Fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, iii, Malta 1991, 67-8 u J. Debono, 'L-Istatwa Titulari tal-Assunzjoni ta' Ħal Għaxaq u l-Iskultur Tagħha', fl-istampa.